MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Numru 23/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Abraham Zammit)
**vs**
**Alexei Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alexei Cutajar ta' 16 il-sena bin Karmenu u Patricia nee' Xerxen imwieled Pieta' fl-24 ta' Ottubru 1984 u joqghod 48, Fuq Verdala Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 524384(M).

Talli:
F'Bulebel limiti ta' Hal-Taxien fit-2 ta' Ottubru 2000 ghal-habta tas-1.00pm ikkommetta serq ta' oggetti minn vettura b'numru CAT-184 li l-valur taghhom huwa anqas minn mitt

lira Maltin ghad-dannu ta’ Emmanuel Cini, liema serq huwa aggravat bil-mezz u b’natura tal-haga misruqa.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li fis-seduta tal-llum l-akkuzat ammetta dak li kien mixli bih u l-Qorti fissrittlu xi tfisser ammissjoni.

Issibu hati.

Rat l-artikoli 261, 263, 271 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif wkoll l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmi artikolu stante il-kondotta nadifa ta’ l-akkuzat u stante li l-oggetti misruqa inghataw lura mill-akkuzat wara ‘certa pressjoni’.

Ghalhekk fil-waqt li ssib l-akkuzat hati tilliberah taht il-provvedimenti ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta b’dan li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-llum.

Il-Qorti qed tfisser bi kliem semplici u car l-import ta’ din is-sentenza.

(ft) Dr Joseph Cassar
MAGISTRAT

Vera kopja M. Mifsud, BA
Dep Reg.

--------------------------------TMIEM--------------------------------